# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Ħamsa u Għoxrin (25) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 736/2018FDP**

Fl-ismijiet

**Metz Limited (C 84828)**

**Vs**

**Betsson Services Limited (C 44114)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Lulju 2018, li permezz tiegħu s-soċjeta' r-rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi GQ Works (One) Limited kienet permezz ta' Facility Management Agreement datat 1 t'April 2015, kopja ta' liema huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok. A ġiet ingaġġata mis-soċjeta' Betsson Services Limited, sabiex tirrendi s-servizzi indikati fi klawsola 31 tal-istess skrittura u ċioe' GQ shall provide Betsson with the GQ Services in accordance with the terms of this Agreement as well as such facility managements, maintenance or design services as may be agreed by the parties from time to time.*

   2. *Illi inoltre, ai termini tal-istess skrittura s-soċjeta' Betsson Services Limited kienet obbligat ruħha kif isegwi:*

      *'5.6: During the term of this Agreement and for 1 year after termination, for whatever reason, of this Agreement, Betsson shall not, and shall ensure that every other company within the same group of companies as Betsson shall not, employ, engage or contract any person who is/was engaged by GQ to provide some service to Betsson, whether on Premises or otherwise, under this Agreement.'*

3. *Illi permezz ta' skrittura sussegwenti, il-partijiet filwaqt li rratifikaw il-Facility Management Agreement datat 1 ta' April 2015 qablu illi t-terminu ta' dik l-iskrittura kellu jiġi estiż għal perjodu ta' tlett snin b'effett mil-1 t'April 2015. Kopja tal-addendum huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok. B'.*

4. *Illi sabiex tkun tista' taqdi l-obbligi tagħha s-soċjeta' GQ Works (One) Limited, mhux biss mas-soċjeta' intimata, iżda ukoll ma' klijenti oħra, kienet sa minn Novembru 2013 ingaġġjat fost persuni oħra, lil ċerta Stephanie Bason.*

5. *Illi xi żmien wara li kienet bdiet ir-relazzjoni kummerċjali bejn is-soċjeta' GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' Betsson Services Limited, l-imsemmija Stephanie Bason kienet ġiet ingaġġjata, jew fil-kapaċita' personali tagħha, jew inkella tramite s-soċjeta' GQ Works Limited, li tagħha l-imsemmija Stephanie Bason kienet sub-contractor ai termini tal-iskrittura datata 24 ta' Frar 2014, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'C', sabiex tirrendi uħud mis-servizzi li kellhom jiġu reżi lis-soċjeta' Betsson Services Limited ai termini tal-imsemmi Facility Management Agreement.*

6. *Dan jidher mill-kopja tal-invoices maħruġa mill-imsemmija Stephanie Bason għall-perjodu bejn Lulju 2013 u Diċembru 2015. Minkejja illi uħud mill-fatturi maħruġa minn Stephanie Bason għal dan il-perjodu huma maħruġa lil GQ Works Limited, l-istess GQ Works Limited kienet a sua volta sub-contractor ta' GQ Works (One) Limited, li a sua volta kienet toħroġ il-kontijiet lis-soċjeta' Betsson Services Limited ai termini tal-imsemmi Facility Management Agreement datat 1 ta' April 2015.*

7. *L-istess GQ Works (One) Limited kienet ingaġġjat lill-imsemmija Stephanie Bason direttament bħala sub-contractor tagħha fil-perjodu bejn Jannar 2016 u Frar 2016.*

8. *Illi inoltre, f'Jannar 2016 r-rappreżentant u d-direttur tas-soċjetajiet GQ Works (One) Limited u GQ Works Limited, is-sur Maik Metz, flimkien mal-imsemmija Stephanie Bason kienu kkrejaw s-soċjeta' Proarchitekt Limited C(73885), liema soċjeta' kienet ukoll sub-contractor tas-soċjeta' GQ Works (One) Limited u tas-soċjeta' GQ Works Limited, u kienet ukoll trendi lill-istess socjeta' GQ Works (One) Limited uħud mis-servizzi li l-imsemmija soċjeta' GQ Works (One) Limited kellha trendi ai termini tal- Facility Management Agreement datat l-1 t'April 2015. L-imsemmija Stephanie Bason kienet mhux biss azzjonista ta Proarchitekt Limited, imma kienet ukoll direttur u impjegata fl-istess soċjeta' għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2016 u l-31 ta' Mejju 2016.*

9. *Dan premess, jiġi spjegat ukoll illi wara li ġie ffirmat il-Facility Management Agreement kien anke ġie maqbul illi s-soċjeta' GQ Works (One) Limited kellha tipprovdi Design Manual bl-intiża illi jkun hemm uniformita' fl-uffiċċini tal-grupp ta' kumpaniji ta' Betsson u dan skond email datata 4 t'Awwissu 2015, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D.*

10. *Illi l-mansjonijiet li kienet qed taqdi l-imsemmija Stephanie Bason ai termini tal-imsemmi Facility Management Agreement kienu kostanti u konsistenti u regolari immens. Eżempju ċar ta' dan hija l-email datata 29 ta' Settembru 2015 mibgħuta minn Duncan Attard, li dak iż-żmien kien il-Facilities and Office Manager ta' Betsson Group kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. E'.*

11. *Illi fl-1 t'Ottubru 2015 GQ Works One Limited kienet insistiet illi t-tariffa li kellha tiġi applikata għax-xogħol ta' Stephanie Bason kellha tkun dik ta' €75 fis-siegħa skond ma kien jidher fil-Facility Management Agreement, iżda kienet offriet li jkun hemm tnaqqis ta' 10% fuq dik ir-rata. Wara li Kristian Saliba, il-financial controller tal-grupp Betsson wera li ma kienx qed jaqbel kien ġie propost li ssir laqgħa sabiex tiġi diskussa din ir-rata, minkejja dan din il-laqgħa baqgħet qatt ma' saret. Ara kopji tal-emails datati Ottubru 2015 hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'F'.*

12. *Minkejja dan, is-soċjeta' GQ Works (One) Limited bdiet titlob r-rata ta' €67.50 (ex VAT) fis-siegħa għax-xogħol ta' Stephanie Bason u dan skond ma jidher mir-Requests for Payment għax-xhur bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Mejju 2016 hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'G'. Dawn ir-requests for payment kienu tħallsu jiġifieri l-grupp Betsson kien qed jaċċetta din ir-rata f'dan iż-żmien.*

13. *Waqt li Stephanie Bason kienet għadha ingaġġjata għas-soċjeta' GQ Works (One) Limited, kienet anke ġiet skambjata korrispondenza mal-istess Stephanie Bason minn naħa ta' Kristian Saliba, impjegat ieħor mill-grupp Betsson sabiex jibdew diskussjonijiet għal servizzi ta' disinn li kellha toffri l-imsemmija Stephanie Bason fuq proġett ġdid tal-grupp Betsson fil-Kappara. Kopja ta' l-email relattiva datata 29 ta' Marzu 2016 hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'H'.*

14. *Illi fl-14 t'April 2016 rappreżentanti tal-grupp Betsson kienu anke kitbu lis-Sur Maik Metz u talbu li s-soċjeta' GQ Works (One) Limited tħejji disinni u BOQ's għall-proġett ta' ufficini li kien fi ħsiebha tlesti l-grupp Betsson f'San Ġiljan u talbuha ukoll tippreżenta stima għas-servizzi ta' project management fuq dawn l-istess xogħol u dan skond ma jidher mill-email hawn annessa u mmarkata bħala Dok. I'.*

15. *Illi peress li x-xogħol ta' Stephanie Bason mas-soċjeta' Betsson kien qiegħed iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar jiżdied, rappreżentanti ta' Betsson stesss kienu talbu lis-soċjeta' GQ Works (One) Limited sabiex l-istess Stephanie Bason tibda taqdi l-mansjonijiet tagħha minn ufficċju fil-fond tas-soċjeta' Betsson stess u dan kull nhar ta' Ħamis u kull nhar ta' Ġimgħa u dan b'effett minn April 2016. Illi fl-istess perjodu madanakollu Kristian Saliba għan-nom tas-soċjeta' Betsson kien informa lil rappreżentanti tas-soċjeta' GQ Works (One) Limited illi minkejja li oriġinarjament kien fi ħsiebhom jqabbdu lill-istess soċjeta' sabiex jeżegwixxu 'pre-study of the new offices'. Illi minflok kienu ser jżommu mal-minimu applikabbli ai termini tal-Facility Management Agreement, u dan skond ma jidher minn korrispondenza skambjata f'April 2016 kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'J'.*

16. *Illi sas-27 t'April 2016 Duncan Attard għan-nom ta' Betsson Group kien għadu qed jitlob lil Stephanie Bason għan-nom ta' GQ Works (One) Limited sabiex tipprovdieh bi pjanti ġodda għal xogħolijiet li kien fi ħsiebhom jwettqu fl-uffiċini tagħhom. Kopja tal-korrispondenza relattiva hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'K.*

17. *Illi f'Mejju 2016 taħt il-pretiża illi l-prezz tas-servizzi li kien qed jiġu reżi kien għoli wisq Duncan Attard kien kiteb lill-rappreżentanti ta' GQ Works (One) Limited sabiex inaqqsu l-użu tas-servizzi ta' Stephanie Bason kemm kien possibbli. Jidher pero' li dan ma kienx minħabba l-kwalita' tax-xogħol li kien qed jiġi fornut imma jidher biss illi l-kwestjoni li kienet qed tqajjem l-grupp Betsson f'dak l-istadju kien illi l-prezz kien għoli wisa, minkejja li r-rati li dejjem ġew applikati mis-soċjeta' GQ Works (One) Limited kienu dejjem dawk maqbula fil-Facility Management Agreement. Kopja tal- korrispondenza relattiva hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'L'. F'dak l-istadju Stephanie Bason kienet involuta fil-produzzioni ta' Design Manual flimkien ma oħrajn mis-soċjeta' GQ Works (One) Limited, u kienet inkarigata sabiex flimkien ma' oħrajn mis-soċjeta' GQ Works (One) Limited tieħu ħsieb id-disinn u layouts għall-proġetti f'San Ġiljan, id-disinni ta' Newsroom, il-Bills of Quantity tal-uffiċċini ġewwa San Ġiljan u l-Mobile Experience Centre u dan skond ma hu kkonfermat minn Duncan Attard stess fl-email datata 13 ta' Mejju 2016, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala dok. 'M'.*

18. *Illi nhar il-10 ta' Ġunju 2016 s-soċjeta' GQ Works (One) Limited kienet ġiet infurmata illi Stephanie Bason kienet ġiet ingaġġjata minn kumpanija fil-grupp Betsson, u dan bi ksur tal-Art 5.6 tal-Facility Management Agreement u dan permezz tal-email kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'N'.*

19. *Illi l-istess Stephanie Bason kompliet taħdem wara l-impjieg jew ingaġġ tagħha mal-grupp Betsson preċiżament fuq l-istess proġetti li kienet qed taħdem fuqhom meta kienet ingaġġjata mas-soċjeta' GQ Works (One) Limited, tant illi per eżempju nhar il-5 ta' Lulju 2016 l-istess Stephanie Bason kienet kitbet lill-rappreżentant ta' GQ Works (One) Limited sabiex jinfurmaha dwar il-konsenja tal-imwejjed tan-'Newsroom', kopja ta' liema email hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'O' u kif ukoll dwar il-layouts tal-uffiċini tal-kumpaniji ta' Betsson u dan skond ma jidher mill-email datata 13 ta' Lulju 2016 kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. P' u kif ukoll minn emails oħra datata 8 ta' Awwissu 2016 minn fejn jirriżulta li l-istess Stephanie Bason kienet għadha taħdem fug proġetti li kienet qed taħdem fuqhom waqt li kienet għadha ngaġġjata ma' GQ Works (One) Limited, u dan skond ma jidher minn Dok. 'Q'.*

20. *Illi apparti l-ksur flagranti tal-Facility Management Agreement datat 1 t'April 2015 l-aġir tas-soċjeta' intimata kkaġuna danni inġenti lis-soċjeta' GQ Works (One) Limited, anke għaliex ladarba l-istess Stephanie Bason baqgħet taqdi l-istess mansjonijiet li qabel kienet qed taqdi waqt li kienet sub-contracted mas-soċjeta' GQ Works (One) Limited din tal-aħħar ma setgħetx tkompli*

*trendi s-servizzi li qabel kienet qed trendi lis-soċjeta' intimata ai termini tal-istess Facility Management Agreement.*

21. *Illi fost id-danni li ġew kkaġunati lill-GQ Works (One) Limited hemm it-telf ta' qligħ li l-istess soċjeta' GQ Works (One) Limited ġarrbet minħabba l-aġir tas-soċjeta' Betsson Services Limited. Għandu jiġi spjegat illi fi żmien meta l-imsemmija Stephanie Bason kienet għadha ingaġġata mas-soċjeta' GQ Works (One) Limited, jew sub-contractors tagħha, fuq medda ta' seba' xhur qabel mal-imsemmija Stephanie Bason kienet ġiet ingaġġata mas-soċjeta' intimata jew kumpanija oħra fl-istess grupp, s-soċjeta' GQ Works (One) Limited, kienet toħroġ kontijiet f'medja ta' €7,500 mensili dwar ix-xogħol ta' Stephanie Bason biss. Dan jfisser illi s-soċjeta' GQ Works (One) Limited ġarrbet dan it-telf minn tal-inqas għall-perjodu bejn Ġunju 2016 u Marzu 2018 [cioe' d-data ta terminazzjoni tal-Facility Management Agreement] meta l-istess Stephanie Bason ma komplietx taħdem mal-imsemmija soċjeta'. Apparti minn hekk, jiġi mfakkar illi ai termini tal-Art. 5.6 tal-Facility Management Agreement, s-soċjeta' Betsson Services Limited jew soċjetajiet oħrajn fl-istess grupp ta' kumpaniji ma setgħux jingaġġjaw, jimpjegaw, jew jikkuntrattaw persuni li kienu hekk ingaġġjati minn GQ Works (One) Limited għal perjodu ta' sena wara t-terminazzioni tal-Facility Management Agreement. Dan ifisser illi s-soċjeta' GQ Works (One) Limited nkorriet telf minn tal-inċas fis-somma ta' €247,500.*

22. *Illi dan apparti mill-fatt illi s-soċjeta' GQ Works (One) Limited, inkorriet f'telf ulterjuri.*

23. *Illi minkejja illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata minn GQ Works (One) Limited permezz tal-ittra uffiċċjali datata 20 ta' Frar 2018 sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas ta' danni riżultanti mil-ksur tal-Facility Management Agreement, din baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx. Kopja ta' din l-ittra uffiċċjali hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'R'.*

24. *Illi s-soċjeta' GQ Works (One) Limited assenjat id-dritt litiġjuż li qed tivvanta s-soċjeta' attriċi f'din il-kawża permezz tal-iskrittura datata 20 ta' Frar 2018 kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'S'. Is-soċjeta' intimata ġiet infurmata b'din l-assenjazzjoni permezz tal-ittra uffiċċjali datata 4 ta' Ġunju 2018, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'T'.*

25. *Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, prevja li din l-Onorabbli Qorti tieħu dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni, tgħid is-soċjeta' intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara lis-soċjeta' intimata responsabbli ta' ksur l-obbligi kontrattwali skond l-iskrittura datata 1 t'April 2015 bejn GQ Works (One) Limited u Betsson Services Limited.*

2. *Tillikwida danni kollha sofferti minn GQ Works (One) Limited fis-somma ta' mitejn u sebgħa u erbgħin elf, u ħames mitt euro (€247,500), jew somma oħra verjuri, konsistenti, iżda mhux limitatament, fi spejjeż inkorsi, u fit-telf ta' qligħ li ġarrbet l-istess soċjeta', jekk ikun il-bżonn bl-opera ta' perit nominandi, bħala riżultat tal-ksur ta' l-istess skrittura mis-soċjeta' intimata;*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti, qua ċessjonaraja tad-drittijiet litiġjużi ta' GQ Works (One) Limited, l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni skond it-tieni talba.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.*

2. Rat illi fl-24 ta' Awwissu 2018, s-soċjetà intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet s-segwenti difiża:

   1. *Illi t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

   2. *Illi m'huwiex minnu li s-soċjeta' intimata aġixxiet bi ksur tal-klawsola 5.6 tal-Facility Management Agreement, jew ta' klawsola jew klawsoli oħra tal-istess ftehim jew tal-iskrittura sussegwenti;*

   3. *Illi s-servizz li l-imsemmija Stephanie Bason kienet tagħti lis-soċjeta' intimata ai termini tal-Facility Management Agreement ma kienx l-istess xogħol jew servizz il hi kienet twettaq direttament għas-soċjeta' intimata u kwindi ma jirriżulta l-ebda ksur tal-klawsola 5.6 tal-Facility Management Agreement kif allegat mis-soċjeta' attriċi;*

   4. *Illi d-Design Manual imsemmi fid-disa' (9) premessa tar-rikors ġuramentat hu indipendenti minn u ma jiffurmax parti mis-servizzi msemmija fil-Facility Management Agreement;*

   5. *Illi t-tariffi msemmija fir-rikors ġuramentat, senjatament fil-premessa numru ħdax (11), huma indipendenti minn u ma jirriżultawx mill-Facility Management Agreement;*

   6. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, s-soċjeta' attriċi ma sofriet l-ebda dannu kawża tal-fatt li l-imsemmija Stephanie Bason kienet impjegata mas-soċjeta' intimata;*

   7. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, s-soċjeta' attriċi trid tipprova l-lucrum cessans u d-damnum emergens minnha allegatament sofferti u trid tipprova wkoll kif tali allegati danni allegatament jirriżultaw mill-fatt li l-imsemmija Stephanie Bason kienet impjegata mas-soċjeta' intimata;*

   8. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, is-soċjeta' attriċi trid tipprova wkoll li għamlet dak li setgħet fil-poter tagħha, kif inhi obbligata li tagħmel, sabiex timminimizza d-danni allegatament sofferti, inkluż ad exemplum li timpjega persuna jew persuni oħra sabiex*

*iwettqu s-servizzi ġia preċedentement imwettqa mill-imsemmija Stephanie Bason;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, fir-rigward tal-premessa numru wieħed u għoxrin (21) fir-rikors ġuramentat, l-imsemmija Stephanie Bason ma baqgħetx fl-impjieg tas-soċjeta' intimata sa żmien sena wara t-terminazzjoni tal-Facility Management Agreement;*

10. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, it-tieni talba kif imposta ma tistax tiġi milqugħa in kwantu tikkonċerna soċjeta' terza li mhix parti fil-kawża odjerna u għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzioni tal-istess talba;*

11. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-allegata assenjazzjoni tad-dritt litiġjuz mis-soċjeta' GQ Works (One) Limited lis-soċjeta' attriċi permezz tal-iskrittura datata l-20 ta' Frar 2018 (Dok. S mar-rikors ġuramentat), hi ivvizzjata bi frodi a detriment tad-drittijiet tas-soċjeta' intimata u għalhekk konsegwentement hi nulla għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Is-soċjeta' intimata qed tirriżerva d-dritt li tressaq azzjoni fil-konfront tal-istess soċjeta' GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' attriċi Metz Limited sabiex tali skrittura tiġi rexissa, annullata u risoluta;*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Rat illi fis-17 ta’ Ottubru 2022, is-soċjeta’ konvenuta intavolat rikors fejn talbet il-Qorti tawtorizzaha tressaq risposta ulterjuri ai termini tal-Artikolu 728(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Rat illi fil-15 ta’ Novembru 2022, is-soċjeta’ rikorrenti intavolat ir-risposta tagħha għar-rikors tas-soċjeta’ intimata datat 17 ta’ Ottubru 2022.

6. Rat illi permezz ta’ digriet datat 16 ta’ Diċembru 2022, il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjeta’ konvenuta u awtorizzata tippreżenta eċċezzjoni ulterjuri, li kienu jgħidu s-segwenti:

   *Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u mingħajr ebda aċċettazzjoni jew ammissjoni tat-talbiet rikorrenti, in toto jew in parte, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba attriċi, għandu jiġi applikat l-Artikolu 1483 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjeta’ esponenti tirriserva d-dritt li tressaq azzjoni fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti sabiex tenforza d-drittijiet tagħha ai termini tal-istess Artikolu 1483 tal-Kap. 16.*

7. Rat illi fit-28 ta’ April 2023 ġiet ippreżentata kawża bl-ismijiet inversi bin-numru 449/2023, liema kawża, bil-qbil bejn il-partijiet, bdiet timxi flimkien mal-kawża odjerna.

**Provi**

8. Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti kontenenti l-affidavit ta' **Maik Metz** ippreżentata fid-9 ta' April 2019 (fol 117-125).

9. Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-**PL Quentin Tanti** fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 (fol 132).

10. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Joseph Saliba** fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 136-140).

11. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Stephanie Bason** fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 (fol 141-150).

12. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Dr Olga Finkel** fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2020 (fol 161-174).

13. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2020 (fol 175-176).

14. Rat in-nota ppreżentata mir-rikorrenti fl-20 ta' Jannar 2021 u d-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 178-323).

15. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Duncan Attard** fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 (fol 326-333).

16. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Duncan Attard** fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 (fol 335-342).

17. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Chris Saliba** fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2021 (fol 343-347et seq).

18. Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2021 is-soċjeta' rikorrenti, għajr għar-rapport tal-awditur, għalqet il-provi tagħha.

19. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Maik Metz** fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2022 (fol 355-362).

20. Rat in-nota tas-soċjeta' konvenuta kontenenti l-affidavit ta' Duncan Attard ippreżentata fid-9 ta' Novembru 2023 (fol 375-378).

21. Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2023 is-soċjeta' konvenuta għalqet il-provi tagħha.

22. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Duncan Attard** fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024 (fol 382-387 et seq).

23. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Maik Metz** fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024 (fol 382-389 et seq).

24. Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024 il-kawża marret għas-sottomissjonijiet finali bil-mitkub. Illi l-partijiet qablu illi dawn s-sottomissjonijiet japplikaw ukoll għall-kawża numru 449/2023FDP.

25. Rat illi fis-7 ta' Mejju 2024 is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet (fol 391-413).

26. Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2024 il-kawża ġiet differita għas-sentenzabil-fakulta lis-soċjeta' intimata tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha.

27. Rat illi fit-30 ta' Lulju 2024 is-soċjeta' Betsson ipprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (fol 414-429).

**Fatti tal-każ**

28. Jirriżulta illi s-soċjeta' GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' intimata daħlu *f'Facility Management Agreement* datat 1 ta' April 2015 fejn permezz tiegħu s-soċjeta' intimata ngaġġat is-servizzi tas-soċjeta' GQ Works (One) Limited sabiex tipprovdi GQ Services kif stipulati fl-istess kuntratt kif ukoll *"such facility managements, maintenance or design Services as may be agreed by the parties from time to time"*.

29. Jirriżulta illi sussegwentament bejn il-partijiet saret skrittura fejn rratifikaw l-*Facility Management Agreement* fejn qablu li jestendu t-terminu għal perjodu ta' tlett snin (3) li skont ir-rikorrenti dan kien b'effett mill-1 ta' April 2015.

30. Jirriżulta illi fl-istess kuntratt ġiet inserita l-klawżola numru 5.6 li tipprovdi s-segwenti:

> *"During the term of this Agreement and for 1 year after termination, for whatever reason, of this Agreement, Betsson shall not, and shall ensure that every other company within the same group of companies as Betsson shall not, employ, engage or contract any person who is/was engaged by GQ to provide some service to Betsson, whether on Premises or otherwise, under this Agreement"*.

31. Jirriżulta illi permezz ta' skrittura privata datata 24 ta' Frar 2014, ċertu Stephanie Bason kienet ġiet ingaġġata mis-soċjeta' GQ Works Limited bħala *sub-contractor*.

32. Jirriżulta illi Stephanie Bason kienet tagħmel xogħol ta' *design* u kienet qiegħda tippresta ħafna mis-servizzi tagħha lis-soċjeta' konvenuta Betsson Services Ltd fuq proġetti u xogħolijiet ta' *design* li kellhom bżonn.

33. Jirriżulta illi s-soċjeta' GQ Works (One) Limited kienet toħroġ il-kontijiet lis-soċjeta' konvenuta għas-servizzi prestati minnha ai termini tal- *Facility Management Agreement.*

34. Jirriżulta illi għax-xogħol ta' *management and interior design services* is-soċjeta' GQ Works (One) Limited kienet toħroġ kontijiet lis-soċjeta' konvenuta, fejn għax-xogħol ta' Stephanie Bason hija kienet titlob ir-rata ta' sebgħa u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (Ewro 67.50) fis-siegħa flok ħamsa u sebgħin Ewro (Ewro 75) fis-siegħa stante illi kienet tagħti lis-soċjeta' konvenuta riduzzjoni ta' għaxra fil-mija (10%).

35. Jirriżulta illi fis-sena 2016 is-Sur Maik Metz, u ċioe' r-rappreżentant u d-direttur tas-soċjetajiet GQ Works Limited u GQ Works (One) Limited flimkien ma' Stephanie Bason waqqfu s-soċjeta' Proarchitekt Limited fejn fiha Stephanie Bason kienet azzjonista, direttur u impjegata.

36. Jirriżulta illi fl-10 ta' Ġunju 2016 is-soċjeta' konvenuta infurmat lis-soċjeta' GQ Works (One) Limited illi Stephanie Bason ġiet impjegata magħhom.

37. Jirriżulta illi skont dak sostnut mir-rikorrenti fil-kawża odjerna dan l-aġir huwa bi ksur tal-klawżola numru 5.6 tal-*Facility Management Agreement* u konsegwentament tali aġir ikkaġuna danni lill-GQ Works (One) Limited t'telf ta' qligħ.

38. Jirriżulta illi skont dak sostnut mir-rikorrenti fuq medda ta' sebgħa xhur qabel mal-imsemmija Stephanie Bason ġiet ingaġġata mis-soċjeta' konvenuta, s-soċjeta' GQ Works (One) Limited kienet toħroġ kontijiet f'medja ta' sebat elef u ħames mitt Ewro (Ewro 7500) fix-xahar dwar ix-xogħol ta' Stephanie Bason. Illi b'hekk is-soċjeta' GQ Works (One) Limited ġarrbet telf minn tal-inqas, għall-perjodu bejn Ġunju 2016 (data ta' meta Stephanie Bason marret taħdem mas-soċjeta' konvenuta) u Marzu 2018 (data tat-terminazzjoni tal-*Facility Management Agreement*), fl-ammont ta' mitejn u sebgħa u erbgħin elf u ħames mitt Ewro (Ewro 247,500) kif ukoll telf ulterjuri.

39. Jirriżulta lis-soċjeta' GQ Works (One) Limited kienet intavolat ittra uffiċjali fl-20 ta' Frar 2018 bin-numru ta' referenza 604/2018 kontra s-soċjeta' konvenuta fejn talbitha sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u eventwalment ħlas ta' danni minħabba l-ksur tal-*Facility Management Agreement* iżda s-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u ma sar l-ebda ħlas.

40. Jirriżulta illi bejn is-soċjeta' GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' rikorrenti Metz Limited saret skrittura datata 20 ta' Frar 2018, fejn is-soċjeta' GQ Works (One) Limited assenjat id-dritt litiġjuż li qiegħda tivvanta lis-soċjeta' rikorrenti.

41. Jirriżulta illi *in seguito* għal tali assenjazzjoni, s-soċjeta' rikorrenti intavolat ittra uffiċjali kontra s-soċjeta' intimata datata 4 ta' Ġunju 2018 bin-numru ta' referenza 1940/2018.

**Ikkunsidrat**

42. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob illi s-soċjeta' konvenuta tiġi dikjarata responsabbli ta' ksur tal-obbligi kontrattwali skont l-iskrittura datata 1 ta' April 2015 bejn GQ Works (One) Limited u Betsson Services Ltd, tillikwida d-danni kollha sofferti minn GQ Works (One) Limited fis-somma ta' mitejn u sebgħa u erbgħin elf u ħames mitt Ewro (Ewro 247,500) jew somma oħra verjuri konsistenti iżda mhux limitatament fi spejjeż inkorsi u telf ta' qligħ li ġarrbet is-soċjeta' GQ Works (One) Limited, u tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti bħala ċessjonarja tad-drittijiet litiġjużi ta' GQ Works (One) Limited l-ammont hekk likwidat.

43. Jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta eċċepiet illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, illi mhuwiex minnu lis-soċjeta' intimata aġixxiet bi ksur tal-klawżola numru 5.6 tal-Facility Management Agreement jew klawżoli oħra tal-istess ftehim jew skrittura sussegwenti, illi s-servizz li kienet tagħti Stephanie Bason lis-soċjeta' konvenuta ai termini tal-Facility Management Agreement ma kienx l-istess xogħol jew servizz li kienet twettaq direttament għas-soċjeta konvenuta, illi d-Design Manual imsemmi fid-disgħa premessa (9) tar-rikors ġuramentat u t-tariffi msemmija fil-premessa numru ħdax (11) tar-rikors ġuramentat huma indipendenti minn u ma

jiffurmax parti mis-servizzi msemmija fil-Facility Management Agreement, illi s-soċjeta' attriċi ma soffriet l-ebda dannu kawża tal-fatt li Stephanie Bason kienet impjegata mas-soċjeta' intimata, illi s-soċjeta' attriċi trid tipprova l-lucrum cessans u d-damnum emergens minnha allegatament sofferti u trid tipprova kif tali danni jirriżultaw mill-fatt li Stephanie Bason kienet impjegata tas-soċjeta' konvenuta, illi s-soċjeta' attriċi trid tipprova wkoll li għamlet dak li setgħet fil-poter tagħha sabiex timminimizza d-danni allegatament sofferti, fir-rigward tal-premessa numru wieħed u għoxrin (21) tar-rikors ġuramentat l-imsemmija Stephanie Bason ma baqgħetx fl-impjieg tas-soċjeta' intimata sa żmien sena wara t-terminazzjoni tal-Facility Management Agreement, illi t-tieni talba ma tistax tiġi milqugħa billi tikkonċerna soċjeta' terza li mhux parti mill-kawża odjerna, illi l-allegata assenjazzjoni tad-dritt litiġjuż hija vviżjata bi frodi a detriment tad-drittijiet tas-soċjeta' intimata u konsegwentament hija nulla għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u li s-soċjeta' intimata qiegħda tirriżerva d-dritt li tressaq azzjoni fil-konfront tal-istess soċjeta' GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' Metz Limited sabiex tali skrittura tiġi rexissa, annullata u risoluta.

44. Jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta ressqet eċċezzjoni ulterjuri fejn eċċepiet illi f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba attriċi, għandu jiġi applikat l-Artikolu 1483 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u lis-soċjeta' intimata tirriserva d-dritt li tressaq azzjoni fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti sabiex tinforza d-drittijiet tagħha ai termini tal-istess Artikolu 1483 tal-Kap 16.

**Ikkunsidrat**

45. Jirriżulta illi l-pern tal-kwistjoni tal-kawża odjerna huwa msejjes fuq il-ftehim li sar fl-1 ta' April 2015 bejn is-soċjeta' GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' konvenuta u ċioe' dak imsejjaħ *Facility Management Agreement*. Illi permezz ta' dan il-ftehim il-partijiet ftehmu illi:

> *"GQ shall provide Betsson with the GQ Services in accordance with the terms of this Agreement as well as other such facility managements, maintenance or design services as may be agreed by the parties from time to time"*[1] (fol 10)

46. Illi fost affarijiet oħra fil-ftehim supraċitat il-partijiet u ċioe' GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' intimata Betsson Services Ltd inkludew il-klawżola numru 5.6 fejn din tipprovdi s-segwenti:

> *"During the term of this Agreement and for 1 year after termination, for whatever reason, of this Agreement, Betsson shall not, and shall ensure that every other company within the same group of companies as Betsson shall not, employ, engage or contract any person who is/was engaged by GQ to provide some service to Betsson, whether on Premises or otherwise, under this Agreement"* ( Dok A fol 11).

47. Illi sussegwentament, is-soċjeta' GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' konvenuta għamlu *addendum* għal dan il-*Facility Management Agreement*, liema *addendum* il-Qorti tinnota illi huwa bla data, fejn bis-saħħa ta' liema l-*Facility Management*

[1] Vide klawżola 3.1

*Agreement* ġie estiż għal tlett (3) snin. Illi l-Qorti terġa' tinnota li għal darba oħra dan l-*addendum* nieqes minn data oħra u ċioe' dik tal-*"effective date"*, u għalhekk ser ikollha tagħmel referenza għal dak provdut mis-soċjeta' rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha, li dan kien b'effett mill-1 ta' April 2015 (Dok B fol 18-20).

48. In oltre, il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi permezz ta' dan l-*addendum*, is-soċjetajiet GQ Works (One) Limited u Betsson Services Ltd irratifikaw bosta klawżoli tal-*Facility Management Agreement* tal-1 ta' April 2015, l-ebda emenda ma saret għall-klawżola supraċitata numru 5.6.

49. Illi b'hekk il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tanalizza din il-klawżola sabiex tkun tista' tistħarreġ jekk l-azzjoni tas-soċjeta' rikorrenti hiex ġustifikata jew le.

50. Illi sabiex tagħmel dan, l-analiżi li trid issir hija jekk waqt id-durata tal-*Facility Management Agreement* u sa sena wara t-terminazzjoni tal-istess, is-soċjeta' Betsson jew kumpanija oħra li tagħmel parti mill-grupp Betsson, impjegatx jew ingaġġatx xi persuna li **taħdem jew li kienet taħdem** għal GQ Works (One) Limited u dan sabiex tippresta servizzi lill-istess Betsson.

51. Magħdud ma' dan, il-Qorti hija kjamata mis-soċjeta' rikorrenti permezz tal-azzjoni odjerna tistħarreġ speċifikament każ ta' persuna partikolari, ossia, Stephanie Bason. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa jekk l-ingaġġ ta' Stephanie Bason mis-soċjeta' konvenuta kienx jew le imur kontra din il-klawżola u f'każ affermattiv, tillikwida d-danni sofferti.

52. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-*email* annessa mar-rikors ġuramentat u mmarkata bħala Dok N (fol 86) mibgħuta minn Duncan Attard, *Facilities and Office Manager* ta' Betsson lil Maik Metz, fejn fiha huwa nfurmah li Stephanie Bason kienet ġiet magħżula għall-pożizzjoni ta' *Architect/Interior Designer*.

53. Illi b'hekk huwa ċar u manifest illi Stephanie Bason kienet tabilħaqq ġiet ingaġġata mis-soċjeta' konvenuta - fatt li fl-ebda mument tal-kawża ma ġie kontraddett. Illi fl-affidavit tiegħu, Maik Metz jgħid is-segwenti:

> *"That on the 5th June 2016 the company GQ Works (One) Limited was informed that Stephanie Bason had been engaged by a company within the Betsson Group and this in breach of Article 5.6 of the Facility Management Agreement and this by virtue of an email"* (fol 124).

54. Dan jinsab ukoll ikkonfermat minn Stephanie Bason stess fejn fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 hija ttenni s-segwenti:

> *"The Witness :*
> *Well my intention was to take some time off emm … but there was a post, for … at Betsson … they were looking for an in house interior designer and I applied for the job. This was in June.*
>
> *Dr Carl Grech :*
> *This was in June. You applied for the job and what happened? Did you get the job?*

*The Witness :*
*Yes, I went through quite a tough interview but eventually I got the job.*

*Dr Carl Grech :*
*You got the job, so you were employed by Betsson Services Ltd.*

*The Witness :*
*In June yes".*

(fol 147-148).

55. Konferma ta' dan il-fatt ġiet ukoll minn Duncan Attard fix-xhieda tiegħu tad-29 ta' Settembru 2021 fejn qal:

*Dr Carl Grech :*
*Issa inti għidtilna wkoll li tiftakar li Stephanie Bason kienet ġiet eventwalment impjegata minn Betsson?*

*Ix-Xhud :*
*Ehe.*

*Dr Carl Grech :*
*Issa emm ... inti kont involut b'xi mod fil-proċess tal-ingaġġ ta' Stephanie Bason?*
*....*

*Dr Carl Grech :*
*Mela inti kellek b'xi mod x'taqsam mal-ingaġġ ta' Stephanie Bason?*

*Ix-Xhud :*
*Iva eżatt. Emm ... aħna rajna x'kien hemm bżonn ... emm ... aħna konna fi stat li l-proġett ta' dik il-binja stess kien qed jitlesta u bdejna kellna f'moħħna proġetti ħafna ikbar. Allura kellna bżonn xi ħadd li jkun magħna full time. Ma stajniex nibqgħu nħallsu per hour. Allura għamilna lista ta' servizzi li kellna bżonn u emm ... għamilna avviż bażikament.*

*Dr Carl Grech :*
*U għamiltu avviż. Issa ... wara li għamiltu l-avviż x'ġara minn hemm? Inti kont taf ... kont involut direttament f'dak il-proġett ta' employment ta' din il-persuna?*

*Ix-Xhud :*
*Iva ehe ... aħna għamilna avviż bħal kwalunkwe avviż ieħor. Kellna ħafna applikanti li applikaw u intervistajna ...*

*Dr Carl Grech :*
*Xi kemm kien hemm li applikaw?*

*Ix-Xhud :*

*Ma niftakarx eżatt kemm kellna pero' kellna ammont sostanzjali. Ħafna minn fejn nagħżlu.*

*Dr Carl Grech :*
*Ammont sostanzjali imma ħamsa (5) ... għaxra (10) ... ħamsin (50) ...*

*Ix-Xhud :*
*Le kellna aktar ... ma nafx forsi tletin (30) ... kellna ħafna.*

*Dr Carl Grech :*
*All right. U inti kont involut fil-proċess tal-interviews?*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt. Jiena kont involut fil-proċess ta' interviews u intervistajna diversi persuni li ħassejna li kellna ... kellhom kompetenza biżżejjed għall-affarijiet. Emm ... finalment ishortlistjajna tnejn ... li kienu Stephanie u persuna oħra. Emm ... u kellna nieħdu deċiżjoni bejn it-tnejn bażikament.*

*Dr Carl Grech*
*All right. Issa ... u qed nifhem li d-deċiżjoni kienet li timpjegaw lil Stephanie Bason?*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament. Finalment iddeċidejna li nagħżlu lil Stephanie".*

(fol 336 et seq-337 et seq)

56. Referenza ser issir ukoll għax-xhieda mogħtija minn Kristian Saliba fid-29 ta' Settembru 2021 fejn huwa jsostni s-segwenti:

*"Dr Carl Grech :*
*All right. Issa u inti għidtli li taf li Bason kienet ukoll eventwalment impjegata minn Betsson.*

*Ix-Xhud :*
*Fuq engagement totalment differenti. Eżatt ehe"*

(fol 344)

57. Illi b'hekk l-impjieg ta' Stephanie Bason mas-soċjeta' konvenuta huwa ċar u insindakabbli.

58. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizza meta sar dan l-ingaġġ. Kif jidher mill-email a fol 86, l-*email* ta' Duncan Attard lil Maik Metz hija datata 10 ta' Ġunju tas-sena 2016. Illi mill-istess xhieda ta' Stephanie Bason riprodotta hawn fuq, hija stess tikkonferma li bdiet taħdem mas-soċjeta' konvenuta f'Ġunju.

59. Għaldaqstant, la l-*Facility Management Agreement* kien ġie ffirmat fl-1 ta' April 2015 u kien validu għal tlett snin u l-ingaġġ ta' Stephanie Bason mas-soċjeta' konvenuta kien

sar f'Ġunju 2016 huwa evidenti li tali impieg kien sar waqt id-durata tal-imsemmi ftehim viġenti bejn GQ Works (One) Limited u Betsson Services Ltd.

**Ikkunsidrat**

60. Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tgħarbel jekk Stephanie Bason kinitx jew le *"any person who is/was engaged by GQ"*. Il-Qorti tibda biex tirrileva illi referenza għal GQ hija għal GQ Works (One) Limited u ċioe' l-parti li daħħlet fil-*Facility Management Agreement* mas-soċjeta' konvenuta.

61. Illi l-Qorti ser tanalizza ma' min kienet impjegata jew lil min kienet tippresta s-servizzi tagħha Stephanie Bason qabel ma hija bdiet taħdem mas-soċjeta' konvenuta f'Ġunju tas-sena 2016.

62. Illi s-soċjeta' rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha, senjatament, fil-premessa numru tmienja (8), isostni illi:

> *"Illi, in oltre, f'Jannar 2016 r-rappreżentant u d-direttur tas-soċjetajiet GQ Works (One) Limited u GQ Works Limited, is-sur Maik Metz, flimkien mal-imsemmija Stephanie Bason kienu kkrejaw s-soċjeta' Proarchitekt Limited (C 73885), liema soċjeta' kienet ukoll sub-contractor tas-soċjeta' GQ Works (One) Limited u tas-soċjeta' GQ Works Limited, u kienu ukoll trendi lill-istess soċjeta' GQ Works (One) Limited uħud mis-servizzi li l-imsemmija GQ Works (One) Limited kellha trendi ai termini tal-Facility Management Agreement datat l-1 ta' April 2015. L-imsemmija Stephanie Bason kienet mhux biss azzjonista ta' Proarchitekt Limited, imma kienet ukoll direttur u **<u>impjegata fl-istess soċjeta'</u>** [2]għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2016 u l-31 ta' Mejju 2016"* (fol 2).

63. Illi dan jikkonfermah ukoll Maik Metz fl-affidavit tiegħu fejn f'paragrafu ħdax (11) huwa jgħid:

> *"That the said Stephanie Bason was not only a shareholder of Proarchitekt Limited but was also a director and **<u>employed</u>**[3] by the same company for the period between the 1st March 2016 and the 31st May 2016"* (fol 120).

64. Illi fix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant ta' Jobsplus, Joseph Saliba, fis-seduta 20 ta' Jannar 2020 huwa jippreżenta l-*employment history* ta' Stephanie Bason, liema dokument jinsab eżebit fol 138-140. Illi kif jidher ċar minn dan id-dokument, senjatament minn fol 139, qabel l-impjieg tagħha ma' Betsson Services Ltd, hija kienet impjegata ma' Proarchitekt Limited u dan l-impjieg kien beda fl-1 ta' Marzu 2016 u ġie terminat fil-31 ta' Mejju 2016. L-istess dokument juri wkoll illi qabel ma ġiet impjegata minn Proarchitekt Limited hija kienet *self-employed*, liema *self-employment* spiċċa fid-29 ta' Frar 2016.

65. Illi dan kollu tixhdu wkoll l-istess Stephanie Bason fix-xhieda tagħha tal-20 ta' Jannar 2020 fejn ittenni kif ġej:

---

[2] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti
[3] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

*"Dr Carl Grech :*
*Can you now explain to the Court the circumstances which lead to you no longer being involved with GQ (One), GQ Works and Proarchitekts?*

*The Witness :*
*I was there for around three years ...*

*The Court :*
*With whom? With GQ?*

*The Witness :*
*It was a series of ... I'm not sure when the change over was exactly but ...*

*The Court :*
*First GQ Works and then GQ Works (One) ...*

*The Witness :*
*Yes and then Proarchitekts for the next couple of months.*
*…….*

*The Witness :*
*I resigned from ... cause* ***I was actually employed by Proarchitekts***[4]*, so I resigned in May. It was around mid May I believe, so by end of May I was out".*

(fol 145 and 147)

66. Illi fl-affidavit tiegħu (fol 377) Duncan Attard jgħid is-segwenti: *"Stephanie was not a GQ employee (or contracted anymore with GQ) at the time of application and was eventually shortlisted and recruited by Betsson".* Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-15 ta' Frar 2024 l-istess Duncan Attard jispjega:

*"Dr Carl Grech :*
*Now first paragraph, second page ... emm ... you mentioned ... so the sentence reads ... a position was open through our standard recruitment process for which Stephanie and other applicants applied and were interviewed. Stephanie was not a GQ employee or contracted with GQ at the time of the application and was eventually shortlisted and recruited by Betsson. Are you aware when Stephanie terminated her relationship with GQ ?*

*The Witness :*
*Yes.*

*Dr Carl Grech :*
*Do you know the date?*

*The Witness :*

[4] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

*I don't know the exact date … no obviously but because somebody else was appointed, we were aware that she is not continuing her services. But I am not really sure emm … the date when that happened.*

*Dr Carl Grech :*
*In terms of timing of … the posting of this position that was with Betsson … would I be correct to state that this posting happened while Stephanie Bason was still contracted with GQ ?*

*The Witness :*
*No … no … no … the position opened after she had resigned form GQ. The situation with us was that as a gaming company we were increasing our operations, were planning to open new offices in St Julian's and also offices abroad. And with the the situation, having somebody that is new and having … having an opportunity to do things as we wanted somebody internally, we decided to post a position for anyone to apply basically".*

*(fol 383 et seq)*

67. Illi referenza ser issir ukoll għal Dok L anness mar-rikors ġuramentat u għall-email datata 5 ta' Mejju 2016 mibgħutha minn Maik Metz lil Kristian Saliba u lil Duncan Attard fejn huwa jinfurmahom kif ġej: *"On a separate note, Stephanie Bason is the managing director of ProArchitekt. Should you still wish to work with Stephanie, you can approach her directly with your requirements at stephaniebason@gmail.com. If this is the case, please infrom Stephanie so that we can legalise the situation between ProArchitekt and GQ Works"* (fol 81).

68. Illi b'hekk fil-mument qabel Stephanie Bason marret taħdem mas-soċjeta' konvenuta hija kienet formalment impjegata mal-kumpanija Proarchitekts Ltd. Dan joħroġ ċar mhux biss mix-xhieda ta' Maik Metz u Stephanie Bason iżda wkoll mill-*employment history* ippreżentata mir-rappreżentant tal-Jobsplus li hija *di certo* prova imparzjali u ċara**.**

69. Għalhekk, il-Qorti b'referenza għat-test tal-klawżola numru 5.6 tal-*Facility Management Agreement*, tikkonkludi illi l-fatt illi Stephanie Bason kienet, eżatt qabel ma bdiet l-impjieg tagħha ma' Betsson Services Ltd, **impjegata** ma' Proarchitekts Limited u dana jfisser li wieħed ma jistax jargumenta illi **f'dak il-mument** Stephanie Bason taqa' taħt il-kappa ta' *"any person **who is** engaged by GQ"*. Infatti, toħroġ ukoll b'mod limpidu mill-*email* surreferita tal-5 ta' Mejju 2016 u kif ħareġ ukoll mill-provi illi f'Mejju tas-sena 2016 Stephanie Bason kienet diġà impjegata ma' Proarchitekt Limited u l-*email* mibgħtuha minn Maik Metz turi illi Betsson setgħu jaħdmu direttament ma' Stephanie Bason tramite Proarchitekt Limited u tant huwa hekk illi Maik Metz jagħtihom wkoll l-*email* differenti ta' Stephanie Bason.

70. Illi fl-affidavit tiegħu (fol 377) Duncan Attard jgħid is-segwenti:

*"Stephanie was not a GQ employee (or contracted anymore with GQ) at the time of application and was eventually shortlisted and recruited by Betsson".*

71. Il-Qorti tinnota wkoll illi fit-tmien (8) premessa tar-rikors ġuramentat is-soċjeta' rikorrenti ssostni illi Proarchitekt Ltd kienet *sub-contractor* tas-soċjeta' GQ Works (One) Limited u tas-soċjeta' GQ Works Limited u li kienet ukoll trendi lis-soċjeta' GQ Works (One) Limited uħud mis-servizzi li GQ Works (One) Limited kellha trendi ai termini tal-*Facility Management Agreement*. Dan isostnih ukoll Maik Metz fl-affidavit tiegħu f'paragrafu ħdax (11) iżda nonostante cio' l-Qorti tosserva lis-soċjeta' rikorrenti naqqset milli tipproduċi prova in sostenn ta' dan. L-ebda fatturi, kontijiet jew dokumentazzjoni oħra ma ġiet prodotta li turi li Proarchitekt Limited kienet *sub-contractor* ta' GQ Works (One) Limited u ġialadarba l-Qorti trid tanalizza l-każ a bażi ta' dak prodott quddiem u dak li jinsab in atti, allura mill-provi miġjuba jidher illi Stephanie Bason kienet qabel ġiet ingaġġata mis-soċjeta' konvenuta impjegata tas-soċjeta' Proarchitekt Limited u li b'hekk ma tistax titqies ai fini tal-klawżola numru 5.6 bħala persuna li kienet ingaġġata f'dak il-mument ma' GQ Works (One) Limited.

72. Illi l-Qorti, b'referenza għall-istess klawżola numru 5.6 tal-*Facility Management Agreement,* tirrileva kif il-mod kif hija mitkuba din il-klawżola tipprekludi wkoll ħaddiema jew nies li **kienu** prestaw is-servizzi tagħhom lil GQ Works (One) Limited milli jmorru jaħdmu mas-soċjeta' konvenuta u dan sakhemm għadu għaddej il-ftehim u sas-sena wara li jiġi terminat. Dan għaliex ġiet utilizzata wkoll il-kelma *"**was** engaged by GQ".*

## Ikkunsidrat

73. Abbazi ta' dak fuq indikat, il-Qorti sejra sabiex tistħarreġ jekk Stephanie Bason kinitx ingaġġata mas-soċjeta' GQ Works (One)Limited.

74. Fl-ewwel lok, il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-kuntratt datat 24 ta' Frar 2014 bejn Stephanie Bason u s-soċjeta' GQ Works Ltd fejn Stephanie Bason, qua *sub-contractor*, ġiet ingaġġata minn GQ Works Ltd sabiex tippresta s-servizzi tagħha (Dok C fol 21-28). Infatti fl-istess ftehim hemm miktub: *"Employer agrees to engage Subcontractor and Subcontractor agrees to work for Employer as set forth in this Agreement"* (fol 21). Illi b'hekk huwa ċar illi r-relazzjoni kontrattwali kienet bejn **Stephanie Bason u s-soċjeta' GQ Works Ltd**.

75. Illi referenza ser issir għas-sitt (6) premessa tar-rikors ġuramentat fejn is-soċjeta' rikorrenti tgħid illi: *"Dan jidher mill-kopja tal-invoices maħruġa mill-imsemmija Stephanie Bason għall-perjodu bejn Lulju 2013 u Diċembru 2015. Minkejja illi uħud mill-fatturi maħruġa minn Stephanie Bason għal dan il-perjodu huma maħruġa lil GQ Works Limited, l-istess GQ Works Limited kienet a sua volta sub-contractor ta' GQ Works(One)Limited, li a sua volta kienet toħroġ il-kontijiet lis-soċjeta' Betsson Services Limited ai termini tal-imsemmi Facility Management Agreement"* (fol 2). F'din il-premessa hemm żewġ punti li għandhom jiġu sottolineati u ċioe' l-kwistjoni tal-*invoice*s maħruġa minn Stephanie Bason u l-fatt li skont l-istess soċjeta' attriċi GQ Works Limited kienet *sub-contractor* ta' GQ Works (One) Limited.

76. Il-Qorti tqis illi dak sostnut mis-soċjeta' attriċi ma jsibx konfort mill-atti prodotti u dan għaliex pendenti l-kawża l-istess soċjeta' attriċi naqqset milli tippreżenta u tipproduċi l-*invoices* illi Stephanie Bason kienet toħroġ għax-xogħol żvolt minnha. Barra minn hekk kif hemm provdut fl-istess premessa Stephanie Bason kienet toħroġ fatturi lil GQ

Works Limited u dan jagħmel sens fl-ottika illi Stephanie Bason skont il-kuntratt prodott mis-soċjeta' attriċi stess a fol 21-28 kienet taħdem u tippresta s-servizzi tagħha lil GQ Works Limited.

77. Illi b'hekk allavolja anke l-istess Maik Metz fl-affidavit tiegħu jgħid: *" That as can be seen from the copies of the invoices issued by the said Stephanie Bason for the period between July 2013 and December 2015, the said Stephanie Bason was clearly engaged by GQ Works and subsequently GQ Works (One) Limited and Proarchitekts Limited to render the services that had to be provided in terms of the Facility Management Agreement"* (fol 119-120). Illi nonostante cio' dak provdut kemm fil-premessa u kemm fl-affidavit dawn l-invoices ma ġew preżentati qatt.

78. Illi l-istess ħaġa jingħad għal fatt allegat mis-soċjeta' rikorrenti illi GQ Works Limited kienet *sub-contractor* ta' GQ Works (One) Limited. L-ebda dokumentazzjoni ma ġiet ppreżentata u dan allavolja fl-istess affidavit tiegħu Maik Metz itenni illi: *"That despite the fact that a number of these invoices issued by Stephanie Bason for this period are issued to GQ Works Limited, the same GQ Works Limited, was in its turn a sub-contractor for GQ Works (One) Limited, which in turn used to issue the bills to the company Betsson Services Limited in terms of the Facility Management Agreement dated 1st April 2015. A copy of the of the relative invoices issued by GQ Works Limited to the company GQ Works (One) Limited, and the invoices that were issued by GQ Works (One) Limited to Betsson Services Limited for the same period"* (fol 120). Is-soċjeta' attriċi naqqset milli tipproduċi fatturi maħruġa minn GQ Works Ltd lil GQ Works (One) Limited sabiex turi u tipprova illi hija kienet tabilħaqq *sub-contractor* tagħha u sabiex jiġi ppruvat dan in-ness.

79. Din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni rigward dak allegat mill-soċjeta' rikorrenti fil-premessa numru sebgħa (7) u ċioe' illi: *"L-istess GQ Works (One) Limited kienet ingaġġat lill-imsemmija Stephanie Bason direttament bħala sub-contractor tagħha fil-perijodu bejn Jannar 2016 u Frar 2016"* (fol 2). Din jgħidha wkoll b'mod identiku Maik Metz fl-affidavit tiegħu f'paragrafu għaxra (10) a fol 120. Illi għal darb'oħra s-soċjeta' attriċi ma ppreżentat l-ebda prova in sostenn ta' dan. Li hemm in atti huwa kuntratt bejn GQ Works Limited u Stephanie Bason fejn GQ Works Limited huwa mniżżel bħala l-*"employer"* u Stephanie Bason hija mniżżla bħala s-*"subcontractor*". Ma ġiex ippreżentat kuntratt simIllibejn GQ Works (One) Limited u Stephanie Bason u lanqas ma ġiet ippreżentata xi skrittura kontenti emendi għall-kuntratt tal-24 ta' Frar 2014, li skont l-istess ftehim a fol 27 ittra E: *"Any modifications to this Agreement may only be done in writing and must be signed by both parties"*.

80. Illi b'referenza għax-xhieda ta' Stephanie Bason

> *"The Witness :*
> *Ok. I was self employed … I started doing works for GQ Works in 2013 and as I was self employed, I used to work … I wasn't employed by them, I was self employed and I used to do work as an interior designer.*
>
> *Dr Carl Grech :*
> *So you were a sub contractor of GQ Works?*
>
> *The Witness :*

*Yes I was a sub contractor.*

*The Court :*
*And what type of work? Interior designer?*

*The Witness :*
*Interior design yes.*

*The Court :*
*Ok. And then until which period did you remain doing works ... interior design works for GQ Works Ltd?*

*The Witness :*
*I'm not exactly sure when was the change over of the company to be honest.*

*Dr Carl Grech :*
*Ok. And then GQ Works (One) Ltd.*

*The Witness :*
*It was exactly the same, so I just was continuing doing what I used to do as a sub contractor.*

.....

*The Witness :*
*So GQ Works ... if we start from the beginning, GQ Works ... I believe Betsson was a client of GQ Works and I was sub contracted for GQ Works".*

(fol 141-142)

81. Illi b'hekk anke jekk semmai l-ewwel relazzjoni kummerċjali mas-soċjeta' konvenuta kienet tramite GQ Works Limited, il-*Facility Management Agreement* tal-1 ta' April 2015 sar speċifikament bejn GQ Works (One) Limited u s-soċjeta' konvenuta u l-klawżola numru 5.6 torbot dawn iż-żewġ partijiet.

82. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li għanda tissottolinja illi huwa l-kompitu tagħha tevalwa l-proċeduri miġjuba quddiemha skont dak li jsir u jiġi prodott quddiemha. Illi huwa minnu li permezz ta' nota ppreżentata fl-20 ta' Jannar 2021 is-soċjeta' rikorrenti eżebiet numru ta' *invoices* maħruġa minn GQ Works (One) Limited lil Betsson Services Ltd (fol 178-323), fejn fihom GQ Works (One) Limited qiegħda titlob għall-ħlas tax-xogħol ta' Stephanie Bason. Madanakollu, dawn l-*invoices* ma għandhom l-ebda piż probatorju li juru li: Stephanie Bason kienet ġiet ingaġġata minn GQ Works (One) Limited, li Stephanie Bason kienet toħroġ *invoices* lil GQ Works (One) Limited u li GQ Works Limited kienet toħroġ *invoices* lil GQ Works (One) Limited għax-xogħol tagħha bħala *sub-contractor* tagħha. Dawn huma *invoices* li naturalment GQ Works (One) Limited kellha toħroġ lis-soċjeta' konvenuta għaliex hija kienet daħlet f'dan il-*Facility Management Agreement* ma' Betsson Services Ltd fl-1 ta' April 2015.

83. Id-dokumentazzjoni essenzjali li turi li Stephanie Bason kienet tabilħaqq taħdem għal u tippresta s-servizzi tagħha lil GQ Works (One) Limited qatt ma ġiet ippreżentata u

għaldaqstant dak li ġie ppreżentat kien kuntratt bejn GQ Works Limited u Stephanie Bason rigward l-ingaġġ tagħha. **Ghalhekk, dak li jirriżulta mill-atti huwa li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn Stephanie Bason u GQ Works Limited u mhux GQ Works (One) Limited.**

84. Illi kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, Stephanie Bason bdiet taħdem ma' Betsson Services Limited f'Ġunju tas-sena 2016. Għaldaqstant, stante illi kulma ma ġie prodott huwa l-kuntratt bejn GQ Works Limited u Stephanie Bason tal-24 ta' Frar 2014 u xejn aktar, meta hija ġiet impjegata mis-soċjeta' konvenuta, ma setgħetx lanqas titqies illi kienet impjegata jew ingaġġata ma' GQ Works (One) Limited. B'hekk dik il-parti tal-klawżola li tirreferi għal: *"any person who* ***was*** *engaged with GQ"* ma tapplikax għal Stephanie Bason.

85. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għax-xhieda tar-rappreżentant tal-Malta Business Registry l-PL Quentin Tanti mogħtija fl-20 ta' Jannar 2020 fejn huwa jispega illi:

> *"Fit-28 ta' Diċembru 2017 GQ Works Ltd li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni C 63416 kif ukoll GQ Works (One) Ltd bin-numru ta' reġistrazzjoni C 54696 ġew merged.*
>
> *Il-Qorti :*
> *Allright.*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Emm il-kumpanija li ġiet mixtrija kienet GQ Works Ltd".*
>
> (fol 132-133)

Dan ifisser illi l-*merger* tas-soċjeta' GQ Works Ltd saret fis-sena 2017 u ċioe' wara illi Stephanie Bason kienet bdiet taħdem ma' Betsson Services Ltd.

86. Illi b'hekk fl-ottika ta' dak kollu delineat hawn fuq, il-Qorti tqis illi s-soċjeta' attriċi naqqset milli tipprova illi l-ingaġġ ta' Stephanie Bason mis-soċjeta' konvenuta kien imur kontra l-klawżola numru 5.6 vinkolanti bejn is-soċjetajiet GQ Works (One) Limited u Betsson Services Ltd.

87. Illi allavolja kif diġa' spjegat, huwa minnu li Stephanie Bason marret taħdem ma' Betsson Services Ltd u huwa minnu wkoll illi dan sar fit-terminu tal-*Facility Management Agreement*, madanakollu ma ġiex ippruvat suffiċentament mis-soċjeta' rikorrenti illi Stephanie Bason kienet taqa' taħt *"any person who is/was engaged by GQ"*.

88. Referenza ser issir għas-sentenza fl-ismijiet ***Simone Ann Marie Attard Vs Jesmond Vella***[5] fejn il-Qorti tikkwota numru ta' sentenzi oħrajn li jitrattaw propju din il-materja, ossia, illi huwa l-kompitu tal-attur f'kawża illi jipprova l-każ tiegħu sal-grad li trid il-liġi:

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Jannar 2020- Avviż numru 69/2018

*"Kif intqal, fis-sentenza fl-ismijiet Roland Schaffrath vs. Travel TV plc, tat-28 ta` Ġunju 2001:*

> *' ... Il-Qorti trid tagħmilha ċara li f'kull kawża, l-attur irid jipprova l-każ tiegħu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-liġi tal-proċedura u skond il-ħaqq. Attur ma jistax ineħħi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella għas-sens ta` ħniena jew dehen arbitrali tal-ġudikant mingħajr ma jagħti ħjiel ta` prova ta` dak li qed jitlob.' [enfasi miżjuda]*

*Din il-Qorti tirrammenta dak li ntqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-14 ta` Lulju 2004 fl-ismijiet Avv. Louis Bianchi noe vs. George Spiteri fejn intqal is-segwenti:*

> *'... Issa apparti l-fatt li kif sewwa ntqal mill-konvenut, proprju in coda għan-Nota tal-Osservazzjonijiet, huwa attira l-attenzjoni għall-fatt illi l-attur ma pprovax il-ħsarat u ma ġabx l-aħjar prova dwar id-danni, għandu jiġi osservat illi skond regola tradizzjonalment paċifika, kodifikata anke fost in-normi proċedurali tagħna `Fuq il-provi` fit-Tielet Ktieb, Titolu 1, tal-Kap 12, illi `l-obbligu tal-prova ta` fatt imiss dejjem lil min jallegah` (Art. 562). Din ir-regola tesprimi l-esiġenza li tgħabbi fuq il-parti li jallega fatt għalih favorevoli d-dover li jagħti prova tal-eżistenza tal-istess fatt. Din hi esiġenza bil-wisq loġika li l-ebda pretendent ta` dritt ma jista` jissottraġġa ruħu għaliha fir-realta` proċesswali għall-konvinċiment tal-ġudikant.*
>
> *Huwa deduċibbli minn dan illi biex isostni d-dritt tiegħu fil-ġudizzju, l-attur ħtieġlu jipprova l-fatt li jikkostitwixxi l-fondament tiegħu. Fit-termini tal-każ partikolari konsistenti minn pretiża għar-riżarċiment tad-danni ... l-appellanti kellu b`obbligu jiddemostra bi provi attendibbli l-fatti kostituttivi tal-azzjoni minnu proposta, jiġifieri: il-prova tal-ħtija fil-konvenut għall-akkadut;*
> *il-prova tad-danni.*
>
> *Raġonevolment l-actori incumbit probatio tapplika fiż-żewġ każijiet u timponi b`oneru li l-attur jimpenja ruħu li jġib il-provi biex jissostanzja l-bażi tal-allegazzjonijiet u tat-talbiet tiegħu u mhux jistenna li din issir bl-inizzjattiva tal-ġudikant. L-istess kwalifika tad-deduzzjoni probatorja bħala oġġett ta` `oneru` jagħti wieħed x` jifhem illi l-inadempiment tal-prova titraduċi ruħha fi żvantaġġ għall-parti li fuqha din l-istess prova hi gravata. Ir-raġuni għal din is-sitwazzjoni hi riżultat tal-osservazzjoni ovvja d-diżimpenn tal-piż tal-prova ħalla l-fatt allegat fi stat ta` inċertezza.* ***Li jfisser allura, b`konsegwenza, illi l-ġudizzju tal-Qorti ma jistax ħlief jikkonsidra ineżistenti l-fatt li baqa` inċert in kwantu mhux provat.***[6] *Ċertament l-aċċertament tal-kolpa u ta` l-event dannuż ma jeżonerax lill-attur appellant milli jġib provi sodisfaċenti dwar il-konsistenza u l-kwantum tad-danni ... Il-ġustifikazzjoni tat-talba mill-Qorti ma*

[6] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

> *tistax issir billi l-Qorti tikkuntenta ruħha mir-raġuni tan-nuqqas ta` eċċezzjoni ossija tal-kontestazzjoni tad-danni. Hi kellha tissodisfa ruħha biss bi prova ċerta. Prova li ma setgħetx tiġi raġġunta la bl-inerzja u lanqas bl-inadempjenza iżda biss fil-konkret tal-istabillizzar tat-telf effettiv fl-ambitu tal-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili.`*

*(Ara wkoll Saviour Farrugia noe vs Margaret Vella et deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2001, Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-31 ta` Mejju 1972, Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Ltd deċiża mill-Qorti tal-Appelli Civili Inferjuri fit-13 ta` Jannar 1999; Mifsud Mario vs. Mifsud Carmelo deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta` Novembru 2003)".*

89. Abbażi ta' dan kollu, kif hawn fuq spjegat, din il-Qorti ma' tistax ħlief tasal għall-konklużjoni illi s-soċjeta' rikorrenti ma pprovatx il-każ tagħha, u għalhekk it-talbiet tagħha għandhom jiġu miċħuda.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tas-soċjeta' rikorrenti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjetà rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**